MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 284/2011

**Mario ID 226964M u Lucienne konjugi Montesin**

**vs**

1. **Hegudus Tomislav ID 356591M**
2. **Alfred Parnis**
3. **Carmen Parnis**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ qed **jintalab** il-hlas ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro (€3494.00). Il-konvenuti huma tlieta, jigifieri Hegudus Tomislav, Alfred Parnis u Carmen Parnis. Gie premess li permezz ta' skrittura (Dok A) datata 18.08.2010 Hegudus Tomislav ikkostitwixxa ruhu debitur veru u likwidu favur l-atturi. Il-konjugi Parnis bhala garanti tad-debitu msemmi obligaw ruhhom li jghaddu l-vettura Nissan Terrano nru DAH 961 sakemm isir il-hlas tal-ammont dovut.

Gie premess ulterjorment li kull interpellazzjoni biex jigi onorat dak li hemm fl-iskrittura giet njorata.

Ghalhekk l-atturi **<u>talbu</u>** li Hegudus Tomislav jigi kundannat ihallashom il-*quantum* indikat u fin-nuqqas il-konjugi Parnis jigu kundannati jonoraw l-obbligi assunti bid-Dok A.

**Ra** r-RISPOSTA tal-konjugi Parnis hekk:-

1. L-inkompetenza *ratione valoris* (Nota: Dan gie rimedjat billi t-TALBA giet ridotta biex tkun konformi mal-ligi)

2. L-inkompetenza tat-TIBUNAL fil-konfront tal-eccipjenti, *ratione materiae*, billi dan jista jiddeciedi biss kwistjonijiet ta' flus u ma jistax jiddeciedi kwistjonijiet marbuta ma kondizzjonijiet u obligazzjonijiet kontrattwali.

3. It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

4. It-talba ghandha tigi michuda ghax sar self b'kalkolu llegali ta' mghax.

5. It-talba hi eccessiva ghax l-ammont attwalment misluf kien ta' €2500 u mhux kif mitlub fit-TALBA.

6. Illi l-konvenuta Carmen Parnis ghandha tigi liberata ghax ma ffirmatx id-Dok A u anqas dehret fuqu.

**Ra** r-RISPOSTA ta' Hegudus Tomislav hekk:-

1. L-inkompetenza *ratione valoris* (Nota: kif ga gie rilevat din giet rimedjata)

2. It-Talbiet huma nfondati fid-dritt u fil-fatt

3. L-attur ghamel is-*self* b'imghax illegali.

4. L-ammont verament misluf hu ta' €2,500 u mhux €3,500 kif mitlub

II PROVI

1. Id-Dok A hu “costituzione di debito” bejn l-atturi u Tomislav fl-ammont ta’ €3500. datat 18.08.2010. Tomislav obliga ruhu li jrodd lill-atturi l-ammont imsemmi fl-10.09.2010. Imbaghad jidher fuq id-Dok A il-konvenut Paris (ghalih u ghal martu) fejn iddikjara li f’kaz ta’ inadempenza da parti ta’ Tomislav il-vettua Nissan nru DAH 961 tghaddi fil-pussess ta’ l-atturi u hekk tibqa sa tali self imhallas kollu.

2. Permezz ta’ affidavit, Dok MM1 *a fol* 20-21 l-attur Mario Montesin spjega c-cikostanzi li fihom sar il-ftehim Dok A. Kien Glen, iben l-attur, li ressaq lil Tomislav fejn missieru. Marru ghand l-Av. Dr. Anglu Farrugia. Tomislav “beda jghid hafna affarijiet sabiex jikkonvincini” dwar self ta’ €3500 u ftehemu li bhala garanzija jiehu biss il-karozza. Wara hafna nsistenza da parti ta’ Tomislav, ftehmu li jmorru ghand l-avukata tal-attur biex issir skrittura. Marru ghand Dr. Mariella Said u saret l-iskrittura wara li kien pezenti anke n-nannu ta’ Tomislav. Billi s-self kien ghal zmien qasir ma ntalbux interessi. Wara diversi attentati biex isir hlas li ma rnexxewx kellha ssir il-kawza.

3. **<u>Dr. Mariella Said</u>** qalet li l-attur kien klijent taghha u spjegalha, fis-sustanza, dak li xehed l-istess Montesin fl-affidavit tieghu dwar kif wasal biex isir it-tlaqqiegh bejn l-attur u Tomislav u n-nannu tieghu. Billi l-vettura kienet f’isem in-nanna ta’ Tomislav nannuh kien qal lix-xhud li kien awtorizzat verbalment biex jidher fuq l-iskrittura. Ghandha l-partijiet marru ga miftehma fuq kollox. Hi wisset lil Tomislav li jekk ma jhallasx fiz-zmien stupulat fl-iskrittura kien ser ikollu problemi fil-Qorti.

4. Quddiemha Tomislav serrah ras l-attur u qallu li ma kienx ser jittradieh. Wara saret taf bl-inkwiet. Hi ma baqghetx tahdem lill-attur ghax kienet waqfet tahdem ghal xi tliet gimghat ghax kellha tarbija.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1 Jigi osservat li l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar l-inkompetenza *ratione valoris* imressqa mill-konvenuti kollha issa giet rimedjata bir-riduzzjoni tal-*quantum* mitlub u allura t-TRIBUNAL mhux ser jiehu konjizzjoni taghha.

2 Dwar il-*quantum*, fir-rigward tal-eccezzjoni generika li t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ukoll fir-rigward tal-eccezzjoni li l-*quantum* mitlub jikkontjeni mghax mhux skond il-ligi, it-TRIBUNAL iqis dan: dawn huma eccezzjonijiet li, kif jinghad, huma **mitluqin ghal saqajhom** ghax l-eccipjenti qatt ma dehru biex jaghtu x-xhieda taghhom u qatt ma ressqu xi xorta ta' xhieda fir-rigward.

3 Dwar l-eccezzjoni tal-inkompetenza tat-TRIBUNAL *ratione materiae* din tirriferi ghat-**tieni talba** fl-AVVIZ. It-talbiet huma dawn:

a) kundanna lill-konvenut Tomislav biex ihallas il-*quantum* ta' €3,494.00 u, **fin-nuqqas** il-konvenuti Pisani jigu kundannati jonoraw l-obbligi minnhom assunti fid-Dok A.

4 It-tieni talba timplika kundanna biex tigi fis-sehh garanzija, konsistenti fir-ritenzjoni jew trasferiment tal-vettura nru DAH 961 u dana fin-nuqqas tal-hlas tal-ammont ta' €3,494.00 lill-atturi da parti ta' Tomislav. Hawn jigi notat li skond l-art 3(2) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta it-TRIBUNAL hu kompetenti "to hear and determine only all money claims of an amount not exceeding €3,494.06c". Fil-fehma tat-TRIBUNAL, ordni biex tinzamm vettura jew tigi trasferita vettura skond obbligu ta' garanzija kontenuta fi skrittura ma tistax titqies bhala decizjoni ta' *money claim*.

**<u>DECIZJONI</u>**

In vista ta' dak kollu kunsidrat hawn fuq it-TRIBUNAL **<u>jiddeciedi</u>** billi (1) **<u>jastjeni</u>** milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni preliminari u dana fir-rigward tal-konvenuti kollha (2) **<u>jaccetta</u>** l-eccezzjoni tal-inkompetenza tieghu *ratione materiae* u dana fir-rigward tat-tieni talba kif

tirrigwarda lill-konvenuti Alfred Parnis u Carmen Parnis (3) **tikkundanna** lill-konvenut Hegudus Tomislav biex ihallas lill-atturi l-*quantum* ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro (€3494.00c) u dana bl-imghax dekorribbli mid-29 ta' Marzu 2011 sal-jum tal-pagament effettiv (4) **tichad** l-eccezzjonijiet l-ohra inkwantu huma inkompatibbli ma dak hawnhekk deciz u (5) **tikkundanna** lill-konvenut Hegedus Tomislav biex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza hlief dawk li jirrigwardaw lill-konvneuti Parnis li ghandhom jibqghu bla taxxa bejn l-atturi u l-konvenuti Parnis.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------